MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 91/2005

**Dominic Department Stores Limited**
**vs**

**Lino Vella**

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut xtara minghand is-socjeta attrici diversi kwantitajiet ta’ siggijiet tal-plastic.

Illi ghadha dovuta lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sitta u erbghin lira Maltija (Lm146).

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa’ ma sarx.

Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallas sew dan l-ammont flimkien ma’ l-imghax mit-23 ta’ Gunju 2003 sad-data tal-hlas effettiv u kif ukoll l-ispejjes ta’ dawn

il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 14 ta' April 2005 u tal-ittra ufficjali pprezentata f'Lulju 2005."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"1. Illi s-siggijiet msemmija fic-citazzjoni kienu kollha difettuzi u mhux tal-kwalita pattwita.

2. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt fil-fatt."

Sema' l-provi

Ikkunsidra

Illi kif jirrizulta mill-istatement Dolk DS2, l-invoice iggib id-data ta' 23 ta' Gunju 2003 u prezumibilment is-siggijiet gew ikkonsenjati lill-konvenut f'din id-data. Saru zewg pagamenti, wiehed ta' LM100 fid-29 ta' Jannar 2004 u iehor ta' LM50 fid-19 ta' Novembru 2004. Kontestwalment mal-ahhar pagament, il-konvenut ipprometta bil-miktub li jhallas il-bilanc fi zmien ftit gimghat (Dok DS1).

Dominic Sultana direttur tas-socjeta attrici xehed (seduta 19.01.2006) li l-konvenut qatt ma lmenta fuq xi difett fis-siggijiet. Din il-verzjoni hija kkoroborata mill-fatt li l-konvenut hallas akkont fuq medda ta' kwazi sena u nofs mid-data tal-konsenja u di piu' pprometta li jhallas il-bilanc – komportament ftit li xejn konformi ma'xerrej li kien qieghed jillamenta li l-kwalita' tas-siggijiet ma kinitx dik pattuwita, jew li kien hemm xi difett fihom. L-ilment tal-konvenut hu li s-siggijiet m'humiex b'sahhithom bizzejjed biex ipoggu fuqhom il-klijenti ta' certu piz. Din it-tip ta' kwalita' tas-siggijiet hija xi haga li zgur li setghet tigi kkonstatata mill-konvenut f'qasir zmien. Eppure wara sena u nofs kien ghadu m'ghamel l-ebda lment fir-rigward. F'dan ir-rigward it-Tribunal ma jikkunsidrax bhala fededenja d-deposizzjoni tal-habiba tal-konvenut li xehdet li l-konvenut mill-ewwel ipprotesta dwar dawn is-siggijiet. Dan ghax huwa ferm difficli ghall-gudikatur sedenti li jaccetta li minkejja dan, il-konvenut baqa' jhallas akkont sa sena u nofs wara. Barra minn hekk, fi kwalunkwe kaz, l-*acquiscenza alla prestazione inesatta significa in fatti*

*obbiettivamente che il compratore ha accettato tale prestazione a soddisfacentemento del suo interesse, e questo significato non e' compatibile con il persistere della possibilita' di contestare successivamente l'adempimento per le stesse inesattezze del bene previamente tolerate* – **C Massimo Bianca *La Vendita e la Permuta Ed. 1972 p. 289*** ikkwotata mill-Qorti tal-Appell (Onor P. Sciberras) f'**Andrew Camilleri et vs Daniel Edwin Sayles – 27.06.2003.**

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta'u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici ghall-hlas ta' LM146 bilanc ta' prezz ta' siggijiet mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut bl-imghax legali mit-23 ta' Gunju 2003 sad-data tal-eventwali hlas effettiv u kif ukoll tal-ispejjez ta' din il-kawza u dawk tal-ittra ufficjali ta' Lulju 205 u dik interpellatorja tal- 14 t'April 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------